

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 924/2007**ta' l-1 ta' Awwissu 2007****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 918/2007 li jistabbilixxi d-dazji ta' importazzjoni fis-settur taċ-
ċereali li huma applikabbli mill-1 ta' Awwissu 2007**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1784/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/96 tat-28 ta' Ġunju 1996 dwar regoli ta' applikazzjoni dazju ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92, b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu ⁽²⁾,

Billi:

- (1) Id-dazji ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali li huma applikabbli mill-1 ta' Awwissu 2007 ġew stabbiliti mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 918/2007 ⁽³⁾.

- (2) Jekk matul il-perjodu ta' l-applikazzjoni tagħhom, il-medja tad-dazji ta' importazzjoni tvarja b'5 EUR/t mid-dazju stipulat, għandu jsir aġġustament korrispondenti. fid-dazji ta' importazzjoni stipulati fir-Regolament (KE) Nru 918/2007.

- (3) Għalhekk huwa xieraq li jiġi aġġustat ir-Regolament (KE) Nru 918/2007,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi I u II tar-Regolament (KE) Nru 918/2007 huma sostitwiti bit-test li jinsab fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-2 ta' Awwissu 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 1 ta' Awwissu 2007.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 270, 29.9.2003, p. 78. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 735/2007 (ĠU L 169, 29.6.2007, p. 6).

⁽²⁾ ĠU L 161, 29.6.1996, p. 125. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1110/2003 (ĠU L 158, 27.6.2003, p. 12).

⁽³⁾ ĠU L 200, 1.8.2007, p. 41.

ANNEX

"ANNEX I

Dazji ta' importazzjoni tal-prodotti skond l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1784/2003 applikabbli mit-2 ta' Awwissu 2007

Kodiċi NK	Deskrizzjoni tal-prodott	Dazju ta' importazzjoni ⁽¹⁾ (EUR/t)
1001 10 00	Qamħ durum ta' kwalità għolja	0,00
	ta' kwalità medja	0,00
	ta' kwalità baxxa	0,00
1001 90 91	Qamħ komuni, għaż-żriġh	0,00
ex 1001 90 99	Qamħ durum ta' kwalità għolja, minbarra għaż-żriġh	0,00
1002 00 00	Segala	0,00
1005 10 90	Qamħirrum taż-żriġh, minbarra l-ibridi	10,55
1005 90 00	Qamħirrum minbarra dak taż-żriġh ⁽²⁾	10,55
1007 00 90	Sorgu tal-qamħ minbarra dak ibridu għaż-żriġh	0,00

⁽¹⁾ Għall-prodotti li jaslju fil-Komunità mill-oċean Atlantiku jew mill-Kanal ta' Suez, taħt l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96, l-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis tad-dazju ta':

— EUR 3 kull tunnellata, jekk il-port tal-ħatt jinsab fil-baħar Mediterran,

— EUR 2 kull tunnellata, jekk il-port tal-ħatt jinsab fl-Irlanda, fir-Renju Unit, fid-Danimarka, fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja, fil-Finlandja, fl-Iżvezja jew fuq il-kosta ta' l-Atlantiku tal-Peniżola Iberika.

⁽²⁾ L-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis standard ta' 24 EUR kull tunnellata fil-każ li jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KEE) Nru 1249/96.

ANNEX II

Elementi għall-kalkolu tad-dazji fl-Anness I

31.7.2007

1) Il-kwantitajiet medji għall-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

(EUR/t)

	Qamħ (*)	Qamħirrum	Qamħ iebes kwalità għolja	Qamħ iebes, kwalità medja (**)	Qamħ iebes kwalità baxxa (***)	Xgħir
Borża	Minneapolis	Chicago	—	—	—	—
Kwotazzjoni	182,18	93,57	—	—	—	—
Prezz FOB USA	—	—	229,29	219,29	199,29	155,07
Tariffa fuq il-Golf	—	15,23	—	—	—	—
Tariffa fuq l-Għadajjar il-Kbar	10,26	—	—	—	—	—

(*) Tariffa pożittiva ta' EUR 14/t inkorporata [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].

(**) Tariffa negattiva ta' EUR 10/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].

(***) Tariffa negattiva ta' EUR 30/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].

2) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

Merkanzija/Spejjeż Il-Golf tal-Messiku–Rotterdam 42,68 EUR/t

Merkanzija/Spejjeż L-Għadajjar il-Kbar–Rotterdam: 43,77 EUR/t"